Lulju 2017
Nru. 220

# L-Aħbar

## mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

# Kapitlu Provinċjali 2017



Bejn it-22 u l-25 ta' Mejju l-Patrijiet inġabru fid-Dar tal-Irtiri f'Baħar iċ-Ċagħaq għall-Kapitlu Provinċjali Intermedju.

Matul dawn il-ġranet saru diversi rapporti ta' kif sejra l-Provinċja u anke rajna l-futur f'dawn it-tliet snin li ġejjin.

It-Tnejn bdejna bil-Quddiesa tal-Ispirtu s-Santu mmexxija mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech ofm. Fil-messaġġ tiegħu hu ta merħba għall-mument importanti fil-ħajja tal-Provinċja.

Wara dan il-messaġġ P. Gabriel Micallef ofm spjega kif u għaliex ġab il-fdalijiet ta' P. Leopold Farrugia ofm u P. Giles Ferriggi ofm mill-Awstralja. Kif ntemmet il-Quddiesa, 10.00 am il-patrijiet inġabru flimkien għal ritratt uffiċċjali.

P. Twanny Chircop ofm, bħala moderatur għamel ir-*roll call*. Inqara messaġġ li bagħat Mons. Joe Bonello ofm fejn qal li "Ningħaqdu magħħkom f'dawn il-jiem li ġejjin, biex il-Mulej li sejħilna, ikompli jagħnina bil-grazzja tiegħu. J'alla nkomplu ngħarfu u ngħozzu dak li aħna u dak li nagħmlu, b'tali mod li jkompli jgħinna u jsaħħaħna fil-mixja tagħna wara Kristu bħala Franġiskani."

Il-Ministru Provinċjal qara l-ittra li bagħat lill-Ministru Ġeneral u t-tweġiba li rċieva. Wara hu qara r-rapport tiegħu tal-Kapitlu li jiddeskrivi t-tliet snin li għadhom kif għaddew.

Wara l-brejk, l-accountant tal-Provinċja s-Sur Paul Camilleri ppreżenta r-rapport finanzjarju u flimkien mal-Ministru Provinċjal għamlu xi kjarifikazzjonijiet li kien hemm bżonn.

It-Tlieta l-Kapitlu kompla billi bdejna bit-talba ta' Nofs il-Jum. Moderatur matul din il-ġurnata kien P. Martin Coleiro ofm.

Wara s-Sur George Peresso għamel riflessjoni bit-tema: "Min se jitfi l-aħħar bozza u jagħlaq il-bieb."

*ikompli f'paġna 3*

## *That's All I ask of you! (Phantom of The Opera)*

Ċertament waħda mill-isbaħ kompożizzjonijiet ta' Andrew Lloyd Webber hija l-*Phantom of the Opera* li kien kiteb wieħed u tletin sena ilu fl-1986. Fl-istess sena rat id-debutt tagħha fil-*West End* ta' Londra waqt li fis-sena 1988 saret għall-ewwel darba ġewwa *Broadway*. Huwa maħsub li sas-sena 2011 rawha mal-mija u tletin miljun ruħ f'mija ħamsa u erbgħin belt f'sebgħa u għoxrin pajjiż madwar id-dinja u wara wieħed u tletin sena għadha ssir kemm ġewwa Londra kif ukoll *Broadway*.

Fost il-kanzunetti mill-isbaħ li nsibu f'din l-opra hemm bla dubju ta' xejn id-dwett li jkantaw flimkien iż-żewġ protagonisti Christine u Raoul. Dwett li joqgħod perfett b'naqra immaġinazzjoni għal żewġ protagonisti oħra, Ġesù u inti. Biżżejjed wieħed jara ftit il-kliem sabiħ li jkantaw flimkien u għal xulxin, biex tifhmu eżatt għaliex qiegħed ngħid hekk.

"No more talk of darkness. Forget these wide-eyed fears. I'm here, nothing can harm you. My words will warm and calm you. Let me be your freedom. Let daylight dry your tears. I'm here, with you, beside you. To guard you and to guide you." Hekk jgħidilha Raoul lil Christine. Hekk stħajjel qiegħed jgħidlek Ġesù, "Jiena qiegħed hawn, miegħek u ma' ġenbek. Ħadd u xejn ma jista'

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

jagħmillek ħsara. Il-kelma tiegħi tikkalmak, tħarsek u tmexxik"! "Musbieħ għal riġlejja kelmtek! Dawl fil-mogħdija tiegħi!" jgħid is-salmista (Sal 119.105) U Christine twieġbu, "Say you'll love me every waking moment. Turn my head with talk of summer time. Say you need me with you now and always. Promise me that all you say is true. That's all I ask of you!" Forsi mhux hekk ukoll għandek bżonn inti, min iħobbok b'dan il-mod, min jgħidlek biss u dejjem il-verità, min jgħidlek kelma ta' kuraġġ?

U għal darb'oħra Raoul ikompli, "Let me be your shelter. Let me be your light. You're safe. No one will find you. Your fears are far behind you." Immaġina lil Ġesù b'ħafna mħabba jgħidlek, "Ħallini nkun għalik il-kenn tiegħek, id-dawl ta' ħajtek. Ħadd ma jkun jista' għalik u l-biżgħat tiegħek ħallihom warajk 'il bogħod!" Għal dan il-kliem Christine twieġbu, "All I want is freedom. A world with no more



night. And you always beside me. To hold me and to hide me." "Kulma rrid huwa ħelsien. Dinja li ma jkunx fiha d-dalma tal-lejl. Bik dejjem ħdejja biex iżżommni u taħbini!" (Tiftakar meta kont titlob "*Fil-pjagi tiegħek aħbini*"?)

Imbagħad Raoul jagħmlilha stedina, "Then say you'll share with me one love, one lifetime. Let me lead you from your solitude. Say you need me with you here, beside you. Anywhere you go, let me go too. Christine, that's all I ask of you." Immaġina lil Ġesù qiegħed jgħidlek issa, "Għidli mela li se taqsam miegħi ħajtek u mħabbtek. Għidli li għandek bżonni miegħek u ma' ġenbek. Fejn tmur int, inkun hemm jien. Dak biss li qiegħed nitlob mingħandek!" U Christine tgħidlu, "Love me". Raoul iweġibha, " You Know I do!" U flimkien igħidu, "Love me, that's all I ask of you." Ġesù għandu l-għatx għall-imħabba tiegħek. Ħallieh iħobbok. Nissuġġerilek meta jkollok mument kwiet, isma' din l-għanja sabiħa u ħalliha tmiss il-ġewwieni tal-qalb tiegħek. Il-Mulej jagħtik is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

# Irtir bi preparazzjoni għall-Ordinazzjoni Presbiterali

Nhar il-Ħadd 5 ta' Ġunju 2017, id-Djakni tal-Provinċja tagħna, P. Ramon Farrugia ofm u P. Clive Camilleri ofm, bdew l-irtir bi preparazzjoni għall-Ordinazzjoni Presbiterali flimkien ma' tliet Djakni Djoċesani Dun Siclair Bugeja, Dun Ryan Lee Pace u Dun Mark Spiteri u d-Djaknu Dumnikan P. Aaron Zahra OP. Dan l-Irtir li qed jiġi organizzat mis-Seminarju Djoċesan, qed isir ġewwa Dar Stella Maris, iż-Żebbuġ Għawdex u qed jitmexxa minn Mons. Anton Gouder.

Inkomplu nitolbu għal dawn ħutna, li se jiġu ordnati Saċerdoti minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fit-30 ta' Ġunju, sabiex il-Mulej ikompli jimlihom bil-fidi fis-Sejħa tiegħU u bil-kuraġġ biex ikomplu jilqgħuha b'ferħ u gratitudni.



Biex tniżżel: Il-Prima Messa ta' P. Ramon ofm se ssir il-Ġimgħa 14 ta' Lulju, ġewwa l-Parroċċa ta' San Ġejtanu, il-Ħamrun, fis-6.30pm.

U l-Prima Messa ta' P. Clive ofm se ssir il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu, ġewwa l-Parroċċa ta' Sta. Liena B'Kara, fis-6.30pm.

## Lulju
## Appuntamenti

**2** ta' Lulju, Festa Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema.

**10** ta' Lulju, Laqgħa għall-gwardjani ġewwa Porziuncola Retreat House, 9am.

**14** ta' Lulju, Prima Messa P. Ramon Farrugia OFM ġewwa l-Parroċċa ta' San Ġejtanu, il-Ħamrun, 6.30pm.

**15** ta' Lulju, Jum is-Sejħa Franġiskana: Valletta

### Birthdays - Lulju

01. P. George Bugeja
04. P. Raymond Camilleri
07. P. Bartolomew Gauci

### Festi - Lulju

08. P. Godfrey Micallef
16. P. Charles Diacono
25. P. Christopher Farrugia

# ...Kapitlu Provincjali 2017

minn paġna 1



Wara brejk qasir kulħadd mar fil-*workshop* tiegħu u wara erġajna ltqajna fl-awla kapitulari biex jinġabru r-Rapporti tal-*Workshops*.

L-Erbgħa bdejna bit-talba ta' Nofs il-Jum, bil-Provinċjal jagħmel riflessjoni qasira fuq Salm 54 "Inti sieħbi u wieħed bħali".

Moderatur matul din il-ġurnata kien P. Marcello Ghirlando ofm fejn qara ittra li bagħat Mons. George Bugeja ofm li kienet tgħid li hu qed jingħaqad magħna f'talba lill-Mulej biex jagħtina d-dixxerniment meħtieġ biex id-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu għal ġid tal-futur tal-Provinċja skont ir-rieda tiegħU. Huwa talab biex niftakru wkoll fil-Missjoni tal-Libja, kemm fi Tripli kif ukoll f'Benghażi.

Dun Anton Theuma għamel riflessjoni bit-tema: "Naħdmu għall-Vokazzjonijiet u nwieżnu l-Vokazzjonijiet Ġodda." Wara brejk qasir kulħadd mar fil-*workshop* tiegħu u wara erġajna ltqajna fl-awla kapitulari biex jinġabru r-Rapporti tal-*Workshops*.

Il-Ħamis bdejna fid-9.00 am bit-talba ta' Nofs il-Jum, bil-Provinċjal jagħmel riflessjoni qasira fuq "O Alla, jien marbut bil-wegħdiet tiegħek".

Il-moderatur kien P. Paul Attard ofm. Wara P. Walter Vassallo ofm ppreżenta l-*Working Document*. Il-provincjal tkellem fit-tul fuq l-importanza tal-klawsura fil-kunventi.







P. Stephen Sciberras ofm, Direttur taċ-Ċentru Franġiskan għamel kelmtejn fuq żewġ attivitajiet li qed jorganizza l-istess Ċentru. P. Marcellino Micallef ofm tkellem fuq il-proġett tas-*Soup kitchen* fil-Kunvent tal-Belt. Il-Ministru provinċjal tkellem ukoll fuq il-proġett ta' *Domus Paċis* li se jsir fuq id-Dar tal-Irtiri.

Wara saret l-elezzjoni u l-konferma tad-Definituri Provinċjali, fejn ġew eletti: P. Twanny Chircop ofm, P. Marcello Ghirlando ofm, P. Stephen Magro ofm u P. Walter Vassallo ofm.

Wara r-rit tal-elezzjoni l-Provinċjal iddikjara l-Kapitlu magħluq

# Jiċċelebraw 50 u 60 sena mill-Ordinazzjoni





**P. Edward Zammit, OFM** iċċelebra il-50 sena Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Huwa ġie Ordnat Saċerdot nhar il-11 ta' Marzu, 1967. Tul is-snin kemm ilu patri, għamel xogħol pastorali mal-Provinċja Franġiskana Awstraljana tal-Ispirtu s-Santu. Attwalment huwa kappillan tal-Parroċċa *Our Lady Star of the Sea* ġewwa George Town, Tasmania. Huwa l-uniku Franġiskan li jinsab jgħix u jaħdem f'din il-gżira hekk kbira 'l isfel mill-Awstralja. Waqt il-quddiesa huwa qal li tagħallem ħafna minn nies li huwa serva u dan it-tagħlim ma jispiċċa qatt. Qal li tgħallem li qatt ma jħalli lilu nnifsu jaqta' qalbu anke meta l-kongregazzjoni tkun żgħira għax bħal ma qal Ġesù: "fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi hemm inkun jien..." Huwa rringrazzja lill-Arċisqof Julian, lis-saċerdoti u lil dawk kollha li organizzaw u pparteċipaw għal din l-ordinazzjoni li saret f' *Our Lady Star of the Sea Church*, George Town.





**P. Ġwann Micallef, OFM** iċċelebra is-60 sena Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu ġewwa l-Knisja ta' San Franġisk il-Ħamrun fit-23 ta' April. F'quddiesa fejn kien kontinwament jidher emozjonat speċjalment x'ħin P. Ġwann ħareġ fil-Knisja u l-ġemgħa nfexxet f'ċapċipa kbira.

Għal din il-quddiesa kien hemm preżenti patrijiet, qraba u ħbieb ta' P. Ġwann. Il-Gwardjan P. Anton Farrugia OFM waqt l-omelija tiegħu qal li P. Ġwann qatta' żmien twil fil-Fraternità tal-Ħamrun u ta s-servizz tiegħu speċjalment fis-sagrament tal-qrar. Hu kompla jgħid li "P. Ġwann kien appostlu tas-sagrament tal-maħfra, tal-ħniena ta' Alla". Dan għaliex dejjem kien disponibbli għall-qrar u fih naraw "ikona tal-ħniena ta' Alla" U proprju għalhekk irridu nroddu ħajr lil Alla tal-ġid li P. Ġwann għamel ma' dawk li laqa' fil-ħajja tiegħu u li l-anqas biss hu stess ma jaf ħlief Alla nnifsu".

Jikkonċelebra miegħu kien hemm P. Godfrey Micallef ofm, li wkoll iċċelebra is-60 sena saċerdot nhar is-16 ta' Marzu fir-Rabat. Wara l-quddiesa l-fraternità tal-Ħamrun ippreżentat lill-P.Ġwann ikona tal-Madonna tas-Sokkors li tant hu devot tagħha. Kien hemm ukoll il-bews tal-idejn.





**P. Alfred Sciberras, OFM** iċċelebra il-50 sena Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu ġewwa l-Knisja ta' San Franġisk il-Ħamrun fis-7 ta Mejju. Fil-bidu tal-quddiesa huwa rringrazzja lil Alla tad-don tas-saċerdozju, kif ukoll talab li jibqa' jkun strument fil-għalqa tal-Mulej. nFl-omelija P. Joseph Ciappara ofm qal li l-liturġija tal-jum, tippreżenta lil Ġesù bħala r-ragħaj, hekk ukoll P. Alfred qeda dawn il-50 sena bħal ragħaj għall-poplu li l-Mulej offrielu. Huwa qal li huwa importanti li nkunu nagħag ta' Kristu, imma importanti wkoll li nkunu ragħja tal-poplu.

Alla jmantnina bl-Ewkaristija imma wkoll bil-kelma u dan kollu permezz tas-saċerdozju. Aħna msejħin biex inkomplu nxerrdu l-kelma fil-familji tagħna. Għalhekk P. Alfred importanti li jkun raġġ ta' tama għal dawk li jiltaqa' magħhom, mhux biss, imma bħal dan ir-ragħaj tajjeb li aħna wkoll inkunu raġġ ta' tama permezz ta' din il-bxara. Il-liturġija kienet animata mill-Kor 'Coro bel Canto'. Jikkonċelebra miegħu kien hemm P. Ġużepp Camilleri ofm, li wkoll iċċelebra 50 sena saċerdot nhar is-15 ta' Marzu fir-Rabat. Wara l-quddiesa l-fraternità tal-Ħamrun preżentatlu ikona tal-Madonna tas-Sokkors kif ukoll kien hemm il-bews tal-idejn.

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21234316 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*